**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002**

Citazzjoni Numru: **2147/95TM**

Numru**:**

**CHARLES BARTOLO li b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' April, 2002 gew trasfuzi l-atti tal-kawza fl-ismijiet ta' Lily Bartolo, Concetta mart Joseph Ciantar, Josephine k/a Joyce mart Angelo Aquilina u Simon Bartolo peress li l-attur miet fil-mori tal-kawza**

vs

**ROBERT GRECH u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' Mejju, 1996 Paul Tabone gie kjamat fil-kawza**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni presentata fis-7 ta' Dicembru, 1995 li biha l-attur ippremetta li l-konvenut, fl-20 ta' Mejju, 1995, filwaqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Mini Minor, numru ta' registrazzjoni K-7911, baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur tal-marka Fiat numru ta' registrazzjoni B-8764, li kienet ipparkjatha f'St. Theresa Street, Cospicua u kkaguna danni ngenti fl-istess vettura;

Ippremetta li din il-kollizzjoni grat minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Ippremetta li interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenut baqa' indadempjenti;

Talab ghalhekk ighid l-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-konvenut fil-vettura tieghu Fiat (kelma mibdula ghal Yugo – korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru, 2000) numru ta' registrazzjoni B-8764 f'kollizjoni li grat fl-20 ta' Mejju, 1995 meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Mini Minor numru ta' registrazzjoni K-7911;

ii) Tillikwida, okkorendo permezz ta' periti nominati mill-Qorti, id-danni sofferti mill-attur minhabba din il-kollizzjoni;

iii) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' danni hekk likwidati.

Bl-imghax skond il-ligi mill-11 ta' Awissu, 1995, id-data meta l-konvenut gie notifikat b'ittra ufficcjali datata 6 ta' Gunju, 1995.

Il-konvenut huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1) illi d-domandi ta' l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes in kwantu huma diretti kontra l-esponenti stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizzjoni in kwistjoni billi din giet kawzata biss b'rizultat tas-sewqan traskurat negligenti u kontra ir-regolamenti tat-traffiku ta' Paul Tabone ta' 56 "St. Mary" Triq Matti Grima, li kien qieghed isuq vettura ohra u li ghandu jigi kkjamat in kawza.

2) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Mejju, 1996, li forza tieghu gie kjamat fil-kawza Paul Tabone;

Rat li l-kjamat fil-kawza Paul Tabone debitament notifikat baqa' kontumaci.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Gunju, 1998 li in forza tieghu awtorizzat lid-ditta Formosa & Camilleri Ltd. bhala rapprezentatrici f'Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc tintervjeni *"in statu et terminis"* u awtorizzat lill-istess socjeta' tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intervenjenti fil-kawza li u forza taghha eccepiet :

1. Illi s-sewwieq tal-vettura L-5350, assigurata *comprehensive* ma' l-eccipjenti *nomine*, ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi *stante* li ghal din il-habta *de quo'* kienu responsabbli, jew minn minnhom, Charles Bartolo u Robert Grech minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku taghhom, jew minn minnhom.

**2.** Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati kontra l-eccipjenti *nomine* jew l-assigurat taghhom.

**3.** Isegwi li la l-eccipjenti u lanqas l-assigurat tieghu ma jistghu qatt jigu kundannati jhallsu ebda danni.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu, 2000, li u forza tieghu cahdet it-talba tal-konvenuti ghall-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata mill-intervenuti fil-kawza;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Ezaminat l-atti tal-kawza u d-dokumenti li gew esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li din il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Mejju, 1995, fi Triq Santa Teresa, Cospicua. Il-karozza ta' l-attur kienet ipparkjata f'dik it-triq. Il-konvenut u l-kjamat fil-kawza Paul Tabone kienu qed isuqu f'dik it-triq f'direzzjoni opposta meta, f'hin minnhom, il-konvenut kiser f'salt lejn ix-xellug u baqa' diehel fil-karozza ta' l-attur li, kif inghad kienet ipparkjata fl-istess triq. Il-konvenut Grech jghid li hu kiser lejn ix-xellug tieghu, ghax Paul Tabone, li kien gej mill-faccata, f'daqqa wahda hareg mill-korreggjata tieghu (biex jissupera vettura ohra), u peress li sabu ma' wiccu, inhasad, u kiser lejn ix-xellug, bil-konsegwenza li baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur.  Paul Tabone, min-naha tieghu, jichad li hu hareg mill-korreggjata tieghu jew qabez il-linja 'l bajda f'nofs it-triq, u jghid biss li l-konvenut Grech,  li hu wkoll kien u baqa' fis-*side* tieghu, f'hin minnhom saq ghal gol-vettura ta' l-attur; ma jafx ghalfejn gara hekk.

Ghal mod ta' kif gara l-incident, l-attur zgur ma ghandux htija. Il-karozza tieghu kienet ipparkjata mal-genb tat-triq u hu lanqas biss kien fiha. Fil-fatt, l-attur ma rax l-incident, izda wara l-habta xi nies fittxuh biex jghidulu u meta mar fuq il-post, sab li kienet dahlet fil-karozza tieghu, il-karozza misjuqa mill-konvenut Grech. Id-danni minnu reklamati jlahhqu s-somma ta' LM509.61.

Ghal dawn id-danni, l-attur harrek, bir-ragun, lis-sid il-karozza li saq go tieghu, u cioe', il-konvenut Grech. Dan ma cahadx li l-karozza tieghu spiccat f'dik ta' l-attur, izda jghid li, hu u ghaddej fit-triq, is-sewwieq ta' Peugeot 405 li kien qed isuq  b'certu sahha, hareg ghall-

quddiemu biex jaqbez trakk tal-halib li kien wieqaf. Hu ighid li dan is-sewwieq "gie fuq id-*double line* nofsu lejja". Bil-qatgha, ntefa' fil-karozza ta' l-attur. Il-konvenut ighid ukoll li, ma' l-incident, is-sewwieq tal-Peugeot waqaf u nizel jara x'gara, pero', ma riedx jistenna ghax qallu li kien mghaggel ghax ried imur jara lill-martu l-isptar. Meta, wara, marru l-Ghassa tal-Pulizija, is-sewwieq tal-Peugeot (il-kjamat fil-kawza, Paul Tabone) ma riedx jammetti t-tort ghax qal li hu ma kien miss ma' hadd. Il-konvenut spjega li bit-*truck* tal-halib u l-karozza ohra pparkjata n-naha ohra tat-triq, hu u Paul Tabone ma setghux it-tnejn jghaddu fl-istess hin mit-triq. Hu, pero', f'ebda hin ma qabez il-linja l-bajda tan-nofs.

Peress li l-konvenut Grech qed jallega li t-tort ta' l-incident kien kollu ta' Paul Tabone, fuq talba tieghu, dan Paul Tabone gie msejjah fil-kawza. Dan, pero', cahad li hu qabez il-linja tan-nofs it-triq. Veru, jghid, li kien hemm *truck* ipparkjat, izda xorta baqa' jsuq fil-*lane* tieghu, niezel "mal-*line* ta' barra". Il-konvenut, ighid, gie mill-faccata, ghadda minn hdejh u baqa' diehel f'karozza pparkjata; il-konvenut kien qed isuq "normali". Hu waqaf biex jara x'gara, izda l-Pulizija qalulu biex jibqa' sejjer ghax hu ma kellux x'jaqsam. Hu kkonferma li dak il-hin kien sejjer l-isptar izur lill-martu.

Fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet differenti, jidher li l-punt principali f'din il-kawza huwa jekk bhala fatt, il-kjamat fil-kawza invadhiex jew le il-karreggjata tal-konvenut. Il-kjamat fil-kawza jichad li qabez il-*line* (ghalkemm jghid li kien "mal-*line*"), izda min-naha l-ohra, jekk ma qabiz, tidher stramba kif u ghaliex il-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Mill-*isketch* u bil-mod kif il-karozza ta' l-attur inqalghet minn mal-bankina, wiehed jista' jinkonkludi li l-konvenut kien qed

isuq b'certa velocita' qawwija, izda l-kjamat fil-kawza nsista li dan ma kienx hekk u li l-konvenut kien qed isuq "normali".

Meta xehed is-surgent li nvestiga l-habta, dan qal li l-konvenut qallu li l-kjamat fil-kawza kien qed jaqbez karozza ohra u biex jevita habta "*head on"*, kellu jaghfas aktar lejn ix-xellug. Il-konvenut ma qallux li l-kjamat fil-kawza qabez il-"*white line*" tan-nofs, pero', minn dak li qal il-konvenut lis-surgent, jidher car li hekk ried jifhem. Fil-fatt, huwa wsiq probabbli, li l-kjamat fil-kawza, anke jekk ma qabiz il-"*white line*" kompletament, meta sab it-*truck* tal-halib wieqaf quddiemu (kif ikkonferma li kien), kellu jigbed ftit 'l barra biex jibqa' jsuq, u l-konvenut, f'dak il-mument, inhassad meta ra il-Peugeot tal-kjamat fil-kawza tikser lejn ix-xellug, u hu wkoll ghafas aktar lejn ix-xellug tieghu biex jevita incident li, wisq probabbli, kien ikun aktar gravi minn dak li sehh.

Li l-kjamat fil-kawza qabez il-linja tan-nofs tirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Michael Azzopardi. Dan xehed li hu kien barra hanut tat-te' u kien ghadu kemm sellem lill-konvenut. Meta l-konvenut dahal fil-karozza u beda jsuq, giet karozza ohra minn faccata u din marret kompletament *wrong side* biex taqbez *truck*. Dan ix-xhud xehed bil-procedura ta' l-affidavit, izda la sarlu l-kontro-ezami, u lanqas ma giet attakkata b'xi mod il-kredibilita' tieghu u, kwindi, din il-Qorti m'ghandha ebda raguni biex tiskarta x-xhieda tieghu.

Kif inghad, ma jirrizultax li l-konvenut kien qed isuq bi *speed* qawwi; il-kjamat fil-kawza stess jghid li l-*ispeed* tal-konvenut kien wiehed "normali" (fol 161 tal-process) u kwindi ma hemm ebda raguni ghalhiex din Il-Qorti ghandha ssib xi tort fis-sewqan tieghu.

Il-Qorti, ghalhekk, issib li responsabbli ghall-incident huwa l-kjamat fil-kawza, Paul Tabone, li bil-manuvra li ghamel meta qabez il-linja tan-nofs invada l-korreggjata tal-konvenut, u b'hekk holoq ostakolu inaspettat lill-istess konvenut, li, biex jevita *"head on collision",* ha *"evasive action*" billi kiser fuq ix-xellug tieghu; sfortunatament, sab il-vettura ta' l-attur ipparkjata u baqa' diehel go fiha.

Ghar-rigward tad-danni, l-atturipprezenta ircevuti biex jiggustifika l-pretensjoni tieghu u kkonferma li l-ammont indikat intefaq biex issewwi d-danni li garrbet l-vettura tieghu rizultat ta' l-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Paul Tabone, u tikkundanna lil Paul Tabone jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm509.61 *in linea* ta' danni, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza. Tihad l-istess talbiet fil-konfront tal-konvenut Robert Grech.

L-ispejjes kollha ta' din il-kawza jithallsu mill-imsemmi kjamat fil-kawza Paul Tabone.

**IMHALLEF**

**D/REG**